A.L. 22 ta' l-1992

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT (ATT NRU. V TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1992 dwar ir-Riserva Naturali tal-Ġebla tal-Ġeneral *(Fungus Rock)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 32 u 33 ta' l-Att ta' l-1991 biex iħares l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 dwar ir-Riserva Naturali tal-Ġebla tal-Ġeneral *(Fungus Rock)*. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti "flora u fawna" għandhom jiftiehmu li jfissru l-pjanti u l-annimali kollha, tal-post jew li jpassu, li l-ġens tagħhom jeżisti fi stat selvaġġ fuq il-Blata tal-Ġeneral *(Fungus Rock)*. Tifsir.

3. Il-wiċċ kollu tal-Blata tal-Ġeneral *(Fungus Rock)* għandu jkun riserva naturali. Jistabbilixxi l-Ġebla tal-Ġeneral bħala riserva naturali.

4. (1) Il-qtil, qbid, kollezzjoni, insib, żamm fl-għeluq, balzmar, esplojtazzjoni kummerċjali, kif ukoll il-ġbir u kaċċa ta' kull ġens ta' flora u fawna fi jew mir-Riserva Naturali tal-Ġebla tal-Ġeneral *(Fungus Rock)* huwa projbit. Projbizzjoni ta' qtil, eċċ., ta' flora u fawna mir-riserva naturali.

(2) Il-Ministru jista' jneħħi kull projbizzjoni bħalma hemm imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għall-għan ta' studju xjentifiku f'każijiet partikolari.

5. (1) It-tixbit u d-dħul fil-witja ta' fuq ir-Riserva Naturali tal-Ġebla tal-Ġeneral *(Fungus Rock)* huwa projbit. Dħul fir-riserva naturali.

(2) It-tixbit u d-dħul fil-witja ta' fuq ir-Riserva Naturali tal-Ġebla tal-Ġeneral *(Fungus Rock)* isir biss bil-permess li għandu jingħata mill-Ministru għal għanijiet edukattivi u xjentifiċi, u meta l-Ministru jagħti dak il-permess huwa jista' jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jkunu jidhrulu xierqa.

6. Kull min jikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi kondizzjoni ta' permess mogħti taħt l-aħħar regolament ta' qabel dan, jista' jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira Maltija jew dik il-priġunerija u multa flimkien. Reati u pieni.